- bidla mill-pożizzjoni ta’ konvenut għal dik ta’ attur
- surroga, effetti ta’
- kundizzjoni riżolittiva taċita
- *call in* mhux ġustifikata minn Bank
- *recognized banking practice*

# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 24 TA’ JANNAR 2019.**

## Rikors Nru. 296/2010GM

**LOMBARD BANK MALTA PLC u b’digriet tat-12 ta’ Jannar 2019**

**Marclem Limited assumiet l-atti minflok il-Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**POWER POINT LIMITED BĦALA DEBITUR PRINĊIPALI U**

**J.J LIMITED, MARCLEM LIMITED, JOSEPH MIZZI U CLEMENT GAUCI BĦALA GARANTI SOLIDALI u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2019 il-kawża ġiet ċeduta**

**fil-konfront ta' Marclem Limited**

## Il-Qorti,

## Preliminari

Rat ir-Rikors ġuramentat imressaq fid-29 ta' Marzu 2010 minn Lombard Bank Malta p.l.c. wara li ppremetta illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tas-sena elfejn u tlieta (2003) ikkonċeda lis-soċjeta` intimata Power Point Limited faċilita` ta' *overdraft* fost oħrajn u in forza ta' din il-faċilita` l-imsemmija soċjeta` intimata sselfet flus mingħand il-Bank rikorrenti u għandha debitu bilanċjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' tlett mija u ħamsin elf, erba' mija, sitta u tmenin punt disgħa wieħed Ewro (€350,486.91) u permezz ta' skrittura privata datata tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003), l-intimati J.J Limited, Marclem Limited, Joseph Mizzi u Clement Gauci ggarantixxew solidament mas-soċjeta` intimata Power Point Limited il-ħlas lura ta' dan id-debitu sal-ammont ta' mitejn u ħamest elef Liri Maltin (LM205,000) illum ekwivalenti għal erba' mija sebgħa u sebgħin elf, ħames mija wieħed u għoxrin punt ħamsa erbgħa Ewro (€477,521.54) u għalhekk talab lil Qorti tikkundanna lill-intimati kollha *in solidum* iħallsu lil Bank rikorrenti is-somma ta' tlett mija u ħamsin elf, erba' mija, sitta u tmenin punt disgħa wieħed Ewro (€350,486.91) bl-interessi;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Clement Gauci u ta' Marclem Limited fejn eċepixxew illi:

1. id-debitur prinċipali hi Power Point Limited u l-ewwel irid jiġi diskuss il-beni tad-debutur prinċipali

2. illi l-bank irid jipproduċi d-dokumenti kollha bil-konteġġi relattivi sabiex l-ammont jiġi korrettament stabilit skond il-liġi.

3. talbu lil bank sabiex jieħu l-proċeduri dovuti kontra Power Point Limited biex jitħallas il-kreditu dovut dan għaliex kienu qed jaraw illi l-pożizzjoni tagħhom bħala allegati garanti qegħda tiġi ppreġudikata.

4. talbu lil Qorti sabiex fil-kundanna tagħha jekk tilqa' t-talba għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, tordna lil Bank sabiex jitħallas, għandu jieħu proċeduri kontra Power Point Limited u mhux kontra Clement Gauci jew Marclem Limited.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Power Point Limited (C19619), J.J Limited (C13660) u Joseph Mizzi fejn eċepixxew illi :

1. l-eċċipjenti ma jaqblux li l-ammont mitlub huwa dovut.

2. il-bank attur għandu jipprova l-ammont effettivament avvanzat lid-debitur prinċipali u l-imgħaxijiet u *charges* inklużi fis-somma mitluba.

3. l-bank attur għandu jipprova u jiġġustifika legalment l-ammont li qed jippretendi mingħand kull wieħed mill-eċċepjenti.

4. kien l-istess Bank attur li mingħajr raġuni valida fil-liġi waqqaf il-faċilita` bankarja lill-Power Point Limited b'mod li mpediha milli tkompli bin-negozju tagħha u li tħallas il-pagamenti għall-istess. Konsegwentament l-attur m'għandux dritt għal-imgħaxijiet jew spejjeż kaġunati bl-aġir abbużiv u in mala fede tiegħu stess.

5. il-garanzija *in solidum* kienet intiża biex tagħmel tajjeb għad-dejn fil-kors normali tan-negozju, u mhux ukoll f'ċirkostanzi fejn il-bank jabbuża in mala fede mill-poteri tiegħu.

6. l-eċċipjenti flimkien u separatament qed jirriżervaw id-dritt li jieħdu kull azzjoni għad-danni kompetenti lilhom kontra l-bank attur minħabba l-aġir abbużiv u illegali tiegħu inkluż it-twaqqif mingħajr raġuni valida tal-faċilita`' mogħtija minnu lill-eċċepjenti Power Point Limited;

Rat il-kuntratt pubbliku datat 23 ta' Frar 2017 fejn il-Bank attur, fil-mori tal-kawża, tħallas għas-saldu tal-kreditu minnu pretiż ħames mitt elf Ewro (€500,000) mingħand is-soċjeta` Power Point Limited u s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u tletin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€53,531.88) mingħand is-soċjeta` Marclem Limited. L-istess Bank assenja d-dritt litiġuż tiegħu fil-kawża lil Marclem Limited u hekk ġiet surrogata fid-drittijiet tal-bank attur għas-somma ta' tlieta u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u tletin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€53,531.88).

Rat permezz ta' rikors konġunt ta' Lombard Bank plc u Marclem Limited tat-13 ta' Novembru 2017 talbu sabiex:

1. is-sorte fil-kawża jiġi ridott għal tlieta u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u tletin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€53,531.88) filwaqt li t-talba għall-imgħaxijiet u l-ispejjeż tibqa' impreġudikata.

2. is-soċjeta` Marclem Limited tassumi l-atti tal-kawża minflok Lombard Bank Malta Plc.

3. tiġi ċeduta l-kawża fil-konfront ta' Marclem Limited stess, filwaqt li żżommha ferm fil-konfront tal-konvenuti l-oħra kollha;

Rat illi dan ir-rikors qatt ma ġie imwieġeb mill-intimati;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talbiet fir-rikors konġunt fuq imsemmi;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kumpanija Power Point Limited twaqqfet fl-1996 u kellha l-operat tagħha fl-elettriku u dawl (bozoz, *switches*, plakkek, *wires, cables*). Id-diretturi tal-kumpanija, Joseph Mizzi u Clement Gauci kellhom ishma indaqs fil-kumpanija. Power Point Limited kellha kontijiet u faċilitajiet ma' HSBC Bank p.l.c. Bħala

rappreżentanat tal-bank kienu dejjem jikkuntattjaw lis-Sur George Griscti li kien *manager* tal-fergha ta' Birkirkara peress illi kien ħbieb ma' Clement Gauci[1]. Griscti kien ilu jservihom snin twal u kien jaf sew is-sitwazzjoni tal-kumpanija sa mill-bidu nett. Wara snin ta' ħidma mal-HSBC plc, Griscti biddel ix-xogħol u sar impjegat tal-Lombard Bank p.l.c. Avviċina lil Clement Gauci sabiex jitrasferixxi l-kontijiet u faċilitajiet kollha tiegħu minn HSBC p.l.c għal-Lombard Bank p.l.c inkluż dawk tal-kumpanija Power Point Limited. Qabel sar dan it-trasferiment minn bank għall-ieħor, Joseph Mizzi kien ġibed l-attenzjoni ta' George Griscti, illi l-kumpanija kellha problema – fuq il-kotba tal-kumpanija kienu qed jidhru kredituri li fil-veritaż kienu ineżistenti. Griscti diġa` kien jaf biha peress li kien ilu jsegwi l-kumpanija għal snin twal.  Clement Gauci ukoll kien jaf b'din is-sitwazzjoni;

Illi minkejja dan, fl-**21 ta' Mejju 2003** il-kumpanija Power Point Limited ingħatat faċilita`  ta' *overdraft* ta' mija u ħamsin elf Liri Maltin (LM150,000) ekwivalenti għal-tlett mija u disgħa u erbgħin elf, erba' mija u sitt Ewro (€349,406) b'ipoteka ġenerali u speċjali fuq l-propjeta` tal-kumpanija u ċjoe garaxx numru 17 bl-isem ta' Ġigi fi Triq Brared, Birkirkara, suġġett għal-ċens annwali, numru 15 fi Triq Brared, Birkirkara, u l-ħanut 175 f'Naxxar Road Birkirkara.[2] Apparti minn hekk, kien hemm ukoll Ipoteka ġenerali fuq il-propjeta' ta J.J Limited. Fil-kuntratt kien hemm klawsola illi l-Bank *shall be intitled at any time to call upon the Company and/or the Surety to settle the company's indebtedness and pasy the balance in the company's current accoount/s – a simple request in writing to the company or the surety to be deemed good and sufficient notice for this purpose*.'[3] Fl-istess kuntratt kien hemm klawżola oħra li kienet torbot lil Power Point Limited *not to enter into*

[1] Xhieda ta' Joseph Mizzi a fol 340
[2] Kuntratt ta' *Overdraft* a fol 5
[3] Ibid a fol 9

*or allow any share transfer agreement in the customer company, under whatever name called, without the prior written consent of the bank*[4]*;*

Illi apparti minn hekk fit-**22 ta' Ottubru 2003** saret skrittura[5] fejn Joseph Mizzi, Clement Gauci, J.J Limited u Marclem Limited daħlu garanti *in solidum* bejniethom a favur Lombard Bank għall-ammont ta'mitejn u ħamest elef Liri Maltin (LM205,000) ekwivalenti għal ċirka erba' mija u sebgħa u sebgħin elf u ħames mija u tnejn u għoxrin Ewro (€477,522);

Illi l-problemi bdew xi sentejn wara illi Power Point Limited ingħatat il-faċilita` tal-*overdraft* meta Mizzi kellu proġett kbir għal-kumpanija iżda Gauci ma riedx jinvesti aktar flus fil-kumpanija u ssuġġerixxa illi Mizzi jixtri l-kumpanija kollha. Mizzi xtaq jitkellem mal-bank sabiex ikun ċert illi jekk joħroġ Gauci mill-kumpanija, il-faċilita` tal-*overdraft* xorta tibqa' għaddejja u għalhekk, iż-żewġt diretturi marru jkellmu lil bank speċifikament lil George Griscti u aċċertahom illi jekk Clement Gauci joħroġ mill-kumpanija, il-faċilita` tal-*overdraft* tibqa l-istess. Eventwalment fl-**14 ta' Dicembru 2005** saret skrittura bejnithom fejn Mizzi kellu jixtri l-ishma ta' Gauci għal ħamsa u sittin elf Liri Maltin (LM65,000) fuq tlett pagamenti u b'dan il-mod Gauci kellu jirriżenja minn Direttur tal-kumpanija, kif filfatt ġara fl-istess data tal-iskrittura privata[6]. L-istess Gauci kellu jinħeles mill-obbligu li jibqa garanti tal-kumpanija. Fil-fatt l-iskrittura ta' bejntiehom kienet tistipula "*Mr Clement Gauci shall also be released from any guarantees, any other third party, where this is applicable.*"[7] Mizzi iffirma din l-iskrittura a bażi ta dak li assigurah George Griscti u li kieku Griscti infurmah mod iehor, Mizzi ma kienx

[4] Fol 11
[5] Fol 14
[6] Dok GG2 a fol 379
[7] Fol 378

jixtri dawn l-ishma. Mid-dokumenti eżebiti fl-atti[8] jidher illi sas-17 ta' Ottubru 2005, il-kumpanija Power Point Limited kellha kredituri ta' sebat elef u sitt mitt Lira Maltija (LM7,600);

Illi xi żmien wara li ġiet iffirmata din l-iskrittura kienu saru xi laqgħat mal-Bank fejn intalab biex Clement u l-kumpanija Marclem Limited jiġu mneħħija minn garanti tas-soċjeta` Power Point Limited. Meta imbagħad Mizzi wasal biex jagħmel l-ewwel pagament ta' tletin elf Ewro (€30,000) għax-xiri tal-ishma, Gauci infurmah li ma riedx pagamenti għax ried jibqa' fil-kumpanija[9] iżda skond Gauci, l-pagament irrifjutah għax Mizzi naqas milli jneħħih garanti minn mal-bank. Filfatt fid-**19 ta' Lulju 2006** il-Bank kiteb sabiex jinforma lid-diretturi ta' Power Point Limited illi ma kienx aċċetta it-talba tagħhom sabiex jiġu rilaxxati Clement Gauci u Marclem Limited minn garanti u lanqas biex jiġu trasferiti propjetajiet li kien hemm ipoteka fuqhom favur il-Bank.[10] Il-bank kien aċċena illi għandha ssir likwidazzjoni b'*repayment programme* li ma jeċċedix għaxar snin. Għal din l-aħbar, Mizzi kien sorpriż kif il-Bank qabad u ddeċieda mingħajr raġuni biex iwaqqaf  il-faċilita` tal-*overdraft* u minnufih Mizzi u Gauci marru jkellmu lil George Griscti li qalilhom illi d-diskors li kien intqal qabel kienet biss opinjoni personali tiegħu u ma ta l-ebda raġuni għaliex l-*overdraft* kien se jitwaqqaf avolja l-kumpanija kienet 'sejra tajjeb u kien hemm *turnover* ta' kwart ta' miljun'. 'In-negozju kien għaddej tajjeb u b'saħħtu u kien 'sejjer tajjeb ħafna.'[11] Bħala risposta Joseph Mizzi kien kiteb lil Bank[12] fit-**31 ta' Lulju 2006** u stqarr illi jekk isir kif qed jindika l-bank, Power Point Limited kien se jkollha tagħlaq il-bibien tagħha u titlef l-impjegati;

[8] Dok GG 18 a fol 304
[9] Fol 360
[10] Dok GG1 a fol 247
[11] Xhieda ta' Joseph Mizzi a fol 348
[12] Dok GG2 a fol 248

Illi kien hemm għadd ta' korrispondenza bejn l-kumpanija Power Point Limited u Lombard Bank plc. Fl-**21 ta' Awwissu 2006** il-Bank rega kiteb[13], din id-darba speċifikament lil Joseph Mizzi fejn jgħid illi għalkemm il-kontijiet tal-kumpanija kienu sodisfaċenti, sa mil-bidunett il-kumpanija kellha telf. Id-deċiżjoni li jillikwidaw il-kumpanija kienet f'idejn id-diretturi u mhux il-Bank u jekk ma kienetx qed togħġobhom is-soluzzjoni tal-Bank li jkun hemm *repayment programme* fuq għaxar snin, mela kellhom ifittxu arranġamenti oħra f'imkejjen oħra u kellhom żmien sat-30 ta' Settembru 2006;

Illi fis-**16 ta' Ottubru 2006** il-Bank kiteb lil Clement Gauci[14] fejn jgħid illi la ma rċieva l-ebda tweġiba għal-ittra tiegħu tal-21 ta' Awwissu 2006, il-faċilita` tal-*overdraft* kienet se tiġi likwidata u kellha tiġi mħallsa b'ħlasijiet fix-xahar ta' elf, sebgħa mija u ħamsa u ħamsin Liri Maltin (LM1,755), ekwivalenti għal-erbat elef u tmienja u tmenin Ewro (€4,088) fuq medda ta' għaxar snin flimkien mat-termini u kundizzjonijiet. Din il-korrispondenza kienet dejjem mibgħuta minn George Griscti. Joseph Mizzi reġa' kiteb lill-Bank fit-**3 ta' Novembru 2006** fejn qal illi l-Bank kien diġa` ta l-kunsens tiegħu biex J.J Limited tixtri l-ishma kollha fil-kumpanija Power Point Limited. Fl-istess ittra Mizzi rrassenja ruħu illi la l-Bank ried li itemm l-*overdraft* mela hekk għandu jkun u qabel illi ssir likwidazzjoni tal-kumpanija u talab permess lil bank sabiex ibiegħ l-immobli. Sadanittant, kienu qed isiru l-pagamenti mensili minn naħa ta' Power Point Limited sas-sena 2008;

Illi mbgħad **f'Mejju tal-2008** intalbu xi dokumenti mill-bank fosthom *audited accounts* tas-snin preċedenti.[15] Intbagħtu aktar ittri mill-bank[16] fejn informaw lil

---

[13] Dok GG3 a fol 249
[14] Dok GG4 a fol 250
[15] Dok GG7 a fol 262
[16] Dok GG8 u GG9 a fol 263 et seq.

Joseph Mizzi illi l-ammont pagabbli kull xahar ma ġiex imħallas għax-xahar ta' Mejju u Lulju 2008. F'Awwissu stess, Mizzi kiteb lil Bank[17] fejn talab li tiġi likwidata l-propjeta` tal-kumpanija biex tagħmel tajjeb għad-dejn mal-Bank u fl-**10 ta' Settembru 2008** is-Sur Griscti għal-Bank attur jirrispondi[18] billi jgħidlu illi dan il-bejgħ għandu jieħu ħsiebu Mizzi stess;

Illi fit-**12 ta' Jannar 2009**, Joseph Mizzi kiteb lil Bank fejn infurmah illi Clement Gauci mhux interessat li jżomm l-ishma tiegħu fil-kumpanija Power Point Limited u li Mizzi stess kien interessat jixtrihom filwaqt li Gauci jiġi rilaxxat minn garanti u minnfloku jinkludi propjeta` oħra. Jgħid ukoll illi l-uniku kreditur tal-kumpanija kien il-Bank;

F'**Ġunju u Settembru 2009** il-Bank bagħat żewġt ittri legali lil Power Point Limited, Joseph Mizzi u martu u Clement Gauci u martu bħala garanti solidali sabiex iħallsu l-ammont rappreżentanti bilanċ ta' *overdraft* account flimkien mal-imgħax u li eventwalment wasslu għal din il-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt il-kontro-eżami, mistoqsi jekk kellimx lill-bank biex joħroġ minn garanti, Clement Gauci[19] kien evażiv u wara ħafna kkonferma illi fil-fatt kien kellem lil Bank. Meta mistoqsi lil min, jgħid illi ma jiftakarx. Jikkonferma illi l-kumpanija 'kienet miexja' u qliegħ kien qed ikun hemm u l-assi kienu qed jiżdiedu. Dak li kien jidher fil-kotba tal-kumpanija ma kienx jirrifletti dak li kien qed jiġri fil-

[17] Dok GG 11 a fol 266
[18] Dok GG12 a fol 267
[19] Fol 422

kumpanija nnifisha[20]. Fl-avvidavit tiegħu jgħid illi kien biss wara erba' snin ta' nuqqas ta' nformazzjoni lill-Bank li Mizzi talabhom biex jitneħħa minn garanti, mentri l-korrispondenza bejn Mizzi u Lombard Bak turi mod ieħor. Mizzi kif iffirmaw l-iskrittura bejniethom, mill-ewwel talab lil Bank biex jiġi mneħħi minn garanti iżda l-Bank m'aċċettax u ma ta' l-ebda raġuni għar-rifjut tiegħu;

Illi fit-2006, il-Bank iddeċieda li jwaqqaf l-*overdraft* iġiefieri il-kont ried jibda jitnaqqas biss u mhux jieħu minnu. Powerpoint għamlet sentejn tħallas ir-rati mensili imbagħad ma setgħetx tkompli tħallas u lanqas kienet bagħtet l-*audited accounts* ta' tlett snin preċedenti u ċjoe` 2005, 2006, 2007;

Illi George Griscti kkonferma illi t-transazzjonijiet tal-kumpanija mill-*overdraft* kienu relattivament regolari[21] u li l-problemi bdew meta l-pagamenti mensili tal-*overdraft* waqqfu[22]. Fl-ebda mument ma ta spjegazzjoni ta' x'ġiegħel lil Bank iwaqqaf l-*overdraft*. Jikkonferma ukoll illi fil-laqgħa li kellu ma Clement Gauci u Joseph Mizzi qabel ma Mizzi xtara l-ishma mingħand Gauci, qalilhom li 'jista' ma jkunx hemm problemi."[23] Wara din il-laqgħa l-*accountant* tal-kumpanija ltaqa' ma' George Griscti. Xehed li din il-laqgħa seħħet għax il-Bank dejjem kellu problema bil-kredituri tal-kumpanija. Meta mistoqsi jekk marrux ikellmuh biex waqt li jieħu *over* Joseph Mizzi jiġi rifless fil-*balance sheet* li m'hemmx kredituri, għall-bidu kien evażiv u qal li ma jiftakarx iżda meta ġie ssikkat, wieġeb li iva jiftakar li kien 'sar xi diskors'[24]. Dak illi allegatament kien qed jinkwetah, kien diġa` rifless fl-*accounts* meta kienu klijenti tiegħu l-ewwel darba Il-lista ta' kredituri diġa` kienet hemm u ma sab l-ebda problema biex jeħodhom bħala klijenti u jtihom faċilita` ta'

[20] Fol 427
[21] fol 308
[22] *Ibid.*
[23] *Ibid.*
[24] Fol 310

*overdraft*. Ma stenniex l-*audited accounts* joħroġu biex iqabbel mal-lista ta' kredituri iżda il-Bank qabad u waqqaf l-*overdraft*;

Illi mistoqsi jekk il-Bank ikkunsidrax jieħu propjeta` oħra in garanzija flok Clement Gauci u Marclem, George Griscti wiegeb illi lanqas biss kellhom stima tal-propjeta` offruta għax mill-ewwel ma ridux jirilaxxawhom minn garanzija. Din il-propjeta` kienet tkopri kważi erba' darbiet il-valur tad-dejn li kellha Power Point Limited. Ma tax raġuni għaliex ma ġewx rilaxxati l-garanti Clement Gauci u Marclem Limited u minflok daħlu bħala garanzija l-propjeta` li kien qed joffri Joseph Mizzi[25];

Ikkunsidrat:

Illi kif ġja` ngħad, fil-kuntratt li bih ingħataw il-faċilitajiet bankarji hemm hemm stipulat li l-Bank seta' fi kwalunkwe żmien iwaqqaf il-faċilita` u jitlob il-ħlas lura f'daqqa tal-bilanċ tad-debitu. Dan hu eżerċizzju li fiċ-ċrieki finanzjarji jissejjaħ *call-in*. Issa huwa notorju fost il-ħaddiema tal-banek u l-klijenti tagħhom li dan il-*call in* fil-prattika bankarja m'għandux isir b'kapriċċ, imma għal xi raġuni valida; billi l-effett tiegħu jista' jkun devastanti fuq negozju li jopera permezz ta' faċilita`` bankarja intiża sabiex jiġbed il-flus meta jkollu bżonn iħallas il-kredituri tiegħu, u jiddepożita l-flus meta jitħallas mingħand id-debituri tiegħu. Il-prinċipju tal-bona fede, substrat tal-kuntratti kollha u b'mod partikolari tal-operazzjonijet kummerċjali, li huma prinċipalment ibbażati fuq il-fiduċja reciproka, jesiġi li l-klawżola in kwistjoni qiegħdha hemm biex tħares l-interessi tal-bank, iżda mhux ukoll biex iġġib negozju għarkuptejh. F'dan il-każ, stranament il-Lombard Bank għamel *call in* fuq *overdraft* li kien qiegħed jiġi operat kif suppost minn

[25] Kontro-eżami ta' George Griscti a fol 300

kumpannija li kienet sejra tajjeb fin-negozju, u mingħajr ma taha l-ebda raġuni valida l-għala kien qiegħed jagħmel hekk. Din ċertament mhix dik ir-*recognized banking practice* li Bank kummerċjali mistenni jimxi biha. Għalhekk din il-Qorti ma tistax ma tilqax il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti Power Point Limited, Joseph Mizzi u martu u Clement Gauci u martu illi l-garanzija in solidum kienet intiża biex tagħmel tajjeb għad-dejn fil-kors normali tan-negozju, u mhux ukoll f'ċirkostanzi fejn il-bank ma jużax il-poteri tiegħu b'mod raġjonevoli. Għalhekk avverat ruħha l-kundizzjoni riżoluttiva taċita, intiża f'kull kuntratt bilaterali, li jfisser li l-garanti Joseph Mizzi u martu huma maħlula mill-garanzija tagħhom.

Illi wara l-ħlas lill-Bank u s-surroga fid-drittijiet litiġjużi tiegħu, Marclem Limited assumiet l-atti minflok il-Bank minn konvenuta u saret attrċi;

Illi l-ewwel konsegwenza ta' din il-metamorfosi legali hi li l-eċċezzjonijiet tagħhom sfaw fix-xejn għaliex ħadd ma jista' jqanqal eċċezzjonijiet kontrih innifsu. Dan seħħ għaliex **1205. "**Meta l-kwalità ta' kreditur u ta' debitur jingħaqdu fl-istess persuna, tiġri *ipso jure* konfużjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu"(Art. 1205 Kod.Civ.). Il-liġi tkompli tgħid li **1206.** (1) Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna tad-debitur prinċipali, tiswa lill-garanti tiegħu" (Art. 1206(1) ibid.) iżda min-naħa l-oħra "Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna tal-garanti ma toqtolx l-obbligazzjoni prinċipali"(Art. 1206(2) Kod.Civ.) u li "Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna ta' wieħed mid-debituri *in solidum*, ma tiswiex lill-kondebituri l-oħra ħlief għas-sehem li tiegħu hu kien debitur" (Art. 1206(3) Kod.Civ.). It-tifsira tal-kelma "konfużjoni" fil-liġi tistona mat-tifsira tagħha fil-lingwaġġ popolari. Bl-Ingliż il-liġi tiddeskriviha aħjar bħala *merger*;

Illi t-tieni konsegwenza hi li Marclem Limited daħlet fiż-żarbun tal-Bank attur fil-konfront tal-konvenuti l-oħrajn. Daħlet ukoll fil-pożizzjoni pprivileġġjata ipotekarja tal-istess Bank fuq il-beni tad-debitriċi prinċipali Power Point Limited. Issa barra l-obbligazzjoni lejn il-Bank, il-garanti kollha, inkluż dik surrogata fil-jeddijiet tal-Bank, għandhom rabta oħra bejniethom li hija awtonoma mill-obbligazzjoni rispettiva tagħhom lejn il-Bank. Din ir-rabta, li baqgħet bla mittiefa, hi li "L-obbligazzjoni tad-debituri *in solidum* lejn il-kreditur, tinqasam *ipso jure* bejn id-debituri li, bejniethom, huma obbligati kull wieħed għal sehmu biss."(Art. 1106 Kod. Civ.). Barra minn hekk, il-leġislatur jagħmilha ċara li "Il-kondebitur li jħallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob mingħand l-oħrajn ħlief is-sehem ta' kull wieħed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-ħlas, allavolja jkun hemm ċessjoni ta' jeddijiet (Art. 1107(1) Kod. Civ);

Illi għalhekk Marclem Limited ġiet surrogata fil-jeddijiet – u obbligi - tal-Bank bħala kreditur tad-debitu kollu dovut minn Power Point Limited; għas-somma ta' €13,382.97 kontra Clement Gauci (kwart mid-debitu); iżda m'għandha l-ebda jedd kontra l-garanti l-oħrajn in vista tal-eċċezzjoni tagħhom li seħħet il-kundizzjoni riżoluttiva taċita favurihom għar-raġunijiet fuq esposti fil-konfront tal-Bank u għalhekk ukoll fil-konfront ta' Marclem Limited bħala s-suċċessur fit-titlu tal-istess Bank;

Għal dawn il-motivi il-Qorti qiegħdha tilqa' in parte l-ewwel talba billi tikkundanna lil Power Point Limited tħallas is-somma ta' €53,531.88 lil Marclem Limited, lil Clement Gauci li jħallas is-somma ta' €13,382.97 solidalment ma' Power Point Limited filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha fil-konfront

tal-istess Marclem Limited, ġja` konvenuta f'din il-kawża; bl-imgħax legali mit-23 ta' Frar 2017 sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Spejjeż a kariku tas-soċjeta` konvenuta Power Point Limited u Clement Gauci ħlief dawk tal-garanti J.J.Limited u Joseph Mizzi u Marclem Limited fil-veste tagħha ta' konvenuta li huma a kariku tal-attur.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca